

32004R1754

12.10.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 313/1

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1754/2004**ta' l-4 ta' Ottubru 2004****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 176/2000****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1015/94****li jimponi dazju *anti-dumping* definittiv****fuq l-importazzjoni ta' sistemi ta' kamera tat-televiżjoni li joriġinaw fil-Ġappun**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' *dumping* minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea¹ ("ir-Regolament bażiku"),

Waqt li kkunsidra l-proposta ppreżentata mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv,

¹ ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 461/2004 (ĠU L 77, 13.3.2004, p. 12).

Billi:

A. PROĊEDURA TA' QABEL

- (1) Il-Kunsill, permezz tar-Regolament (KE) Nru 1015/94¹, impona dazju *anti-dumping* definittiv fuq l-importazzjoni ta' sistemi ta' kamera tat-televiżjoni ("TCS") li joriġinaw fil-Ġappun. Il-Kunsill wara kkonferma d-dazju *anti-dumping* definittiv bir-Regolament (KE) Nru 2042/2000², skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku.
- (2) Fl-Artikolu 1(3)(e) tar-Regolament (KE) Nru 1015/94 u r-Regolament (KE) Nru 2042/2000 ("ir-Regolamenti definittivi"), il-Kunsill speċifikament eskluda mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dazju *anti-dumping* is-sistemi ta' kamera elenkati fl-Anness għar-Regolamenti definittivi ("l-Anness"), li jirrappreżentaw sistemi ta' kamera professjonali ta' livell għoli li teknikament jaqgħu taħt id-definizzjoni tal-prodott skond l-Artikolu 1(2) tar-Regolamenti definittivi, iżda li ma jistgħux jitqiesu bħala sistemi ta' kamera tat-televiżjoni.
- (3) Esportatur produttur wieħed, Ikegami Tsushinki Co. Ltd. ("Ikegami"), talab permezz ta' ittra, li l-Kummissjoni rċeviet fil-15 ta' April 1999, biex jiżdiedu fl-Anness ċerti mudelli ġodda ta' sistemi ta' kamera professjonali inkluż l-aċċessorji tagħhom u b'hekk dawn jiġu eżentati mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dazji *anti-dumping*. F'Jannar 2000, il-Kunsill permezz tar-Regolament (KE) Nru 176/2000³ (ir-"Regolament li jemenda") aċċetta din it-talba u emenda r-Regolament (KE) Nru 1015/94 f'dan is-sens. Skond l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 176/2000, din l-emenda daħlet fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, jiġifieri t-28 ta' Jannar 2000.

¹ ĠU L 111, 30.4.1994, p. 106. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 176/2000 (ĠU L 22, 27.1.2000, p. 29).

² ĠU L 244, 29.9.2000, p. 38. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 825/2004 (ĠU L 127, 29.4.2004, p. 12).

³ ĠU L 22, 27.1.2000, 29

B. EŻAMI PREŻENTI

- (4) L-Istituzzjonijiet Komunitarji rċevew tagħrif li ma jkunx xieraq li jiġi applikat ir-Regolament li jemenda, billi dan emenda l-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1015/94 b'mod retroattiv.
- (5) Infatti, produttur esportatur wieħed, Ikegami, kellu jħallas id-dazju *anti-dumping* definittiv għall-esportazzjonijiet kollha tas-sistemi ta' kamera professjonali tiegħu soġġetti għar-Regolament li jemenda iżda magħmulin qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, jiġifieri qabel it-28 ta' Jannar 2000, għalkemm dawn il-mudelli wara ġew eżentati mid-dazju skond l-Artikolu 1(3)(e) tar-Regolamenti definittivi.
- (6) F'dan il-kuntest, il-produttur esportatur konċernat irrefera wkoll għall-prattika ta' qabel ta' l-Istituzzjonijiet Komunitarji, li skond din emenda ta' l-Anness ġeneralment kienet tiġi applikata b'mod retroattiv sad-data tat-talba meta jkun xieraq. Għalhekk, il-produttur esportatur konċernat sostna li l-emenda ta' l-Anness skond ir-Regolament li jemenda għandha tiġi applikata mid-data meta l-Kummissjoni rċeviet it-talba rilevanti għall-eżenzjoni mid-dazju definittiv, jiġifieri l-15 ta' April 1999 skond il-prattika konsistenti ta' l-Istituzzjonijiet Komunitarji.
- (7) Il-Kummissjoni eżaminat jekk l-applikazzjoni retroattiva tar-Regolament li jemenda tkunx fil-fatt xierqa. F'dan ir-rigward tqies l-ewwel li l-mudelli kollha ta' kamera professjonali msemmijin fil-premessa (5) ġew ikkwalifikati tabilħaqq bħala sistemi ta' kamera professjonali. Skond l-Artikolu 1(3)(e) tar-Regolamenti definittivi dawn il-kameras huma eżentati mid-dazju *anti-dumping* definittiv bis-saħħa ta' l-inklużjoni tagħhom fl-Anness.

- (8) Huwa nnutat li sistema ta' kamera professjonali li taqa' taħt l-Artikolu 1(3)(e) tar-Regolamenti definittivi hija eżentata, mid-data meta ddaħħlet espliċitament fl-Anness permezz ta' l-emenda tar-Regolamenti definittivi, mid-dazju definittiv. F'dan il-kuntest, qed jiġi preżunt li l-produtturi esportaturi jafu minn qabel, jiġifieri qabel l-ewwel esportazzjoni lejn il-Komunità, iċ-ċikli tal-produzzjoni tagħhom u jekk il-mudelli ġodda tagħhom għandhomx jikkwalifikaw bħala kameras professjonali fis-sens ta' l-Artikolu 1(3)(e), u konsegwentement jekk għandhomx ikunu inklużi fl-Anness u ssir applikazzjoni għal dak il-għan.
- (9) Minkejja dan ta' hawn fuq, ma kinitx l-intenzjoni ta' l-Istituzzjonijiet Komunitarji li d-dazju *anti-dumping* definittiv ikun applikabbli għall-importazzjoni ta' sistemi ta' kamera professjonali li eventwalment jinstabu li jkunu eżentabbli minn dan id-dazju bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 1(3)(e). Għalhekk, fejn hu xieraq, il-ħtieġa għal applikazzjoni retroattiva ta' Regolament li jeżenta lil ċerti mudelli ta' kamera professjonali ġiet rikonossuta mid-data tar-riċevuta ta' tali talba, u dan ippermetta lill-istituzzjonijiet Komunitarji jikkontrollaw tajjeb il-preċiżjoni tal-klassifikazzjonijiet. Dan kien il-każ, partikolarment, fejn mudelli ta' kamera professjonali ġew importati fil-Komunità qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament li jemenda l-Anness iżda wara d-data tat-talba għal eżenzjoni.

- (10) Fil-każ preżenti, intwera li Ikegami importa ċerti sistemi ta' kamera professjonali, qabel il-pubblikazzjoni tar-Regolament li jemenda, iżda wara li ressaq it-talba tiegħu għal eżenzjoni, li sussegwentement ġew eżentati bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 1(3)(e) tar-Regolamenti definittivi. Ir-Regolament li jemenda daħal fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu, jiġifieri fit-28 ta' Jannar 2000. Madankollu, kif imsemmi hawn fuq, ma kinitx l-intenzjoni ta' l-Istituzzjonijiet Komunitarji li d-dazji *anti-dumping* definittivi japplikaw għas-sistemi ta' kamera li jinstab li huma eżentabbli wara li tkun tressqet talba b'dak l-effett lill-Kummissjoni. Tabilħaqq, il-Kummissjoni, minnufih wara l-impożizzjoni tal-miżuri definittivi u l-ħolqien ta' l-ewwel Anness fl-1994, fil-fatt għarrfet lill-produtturi esportaturi konċernati bl-intenzjoni li tirrimborża d-dazji *anti-dumping* definittivi mħallsin għall-importazzjoni ta' sistemi ta' kamera professjonali li eventwalment jinstabu li jaqgħu taħt l-Artikolu 1(3)(e) bejn talba kollha kemm hi dokumentata għal eżenzjoni u l-pubblikazzjoni korrispondenti ta' l-Anness emendat. F'dan il-kuntest, tqies li l-applikazzjoni retroattiva tar-Regolament li jemenda, billi emenda l-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1015/94 kienet iġġib is-sitwazzjoni attwali konformi mal-prattika konsistenti ta' l-Istituzzjonijiet Komunitarji.
- (11) L-industrija Komunitarja u Ikegami ġew mgħarrfa b'dan u ngħataw perijodu ta' żmien biex jikkummentaw fuq is-sejbiet tas-servizzi tal-Kummissjoni. Ħadd mill-partijiet interessati ma oġġezzjona għall-konklużjonijiet ta' hawn fuq.

C. KONKLUŻJONI

- (12) Wara li qiesu dan ta' hawn fuq, l-Istituzzjonijiet Komunitarji kkonkludew li l-applikazzjoni retroattiva ta' l-Anness kif emendat mir-Regolament li jemenda hija ġustifikata.

(13) Minħabba dan ta' hawn fuq l-Anness kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 176/2000 għandu japplika għall-importazzjoni tal-mudelli ta' kamera professjonali li ġejjin prodotti u esportati lejn il-Komunità Ewropea minn Ikegami mid-data meta l-Kummissjoni rċeviet it-talba rilevanti għall-eżenzjoni mid-dazju *anti-dumping* definittiv għal dawn il-mudelli, jiġifieri l-15 ta' April 1999:

- camera head HC-400
- camera head HC-400W
- viewfinder VF15-46
- operational control unit RCU-390
- camera adapter CA-400
- camera control unit MA-200A,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 176/2000 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 2

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

2. Għall-prodotti ta' Ikegami Tsushinki Co. Ltd. elenkati hawn taħt, dan ir-Regolament għandu japplika mill-15 ta' April 1999:

- camera head HC-400
- camera head HC-400W
- viewfinder VF15-46
- operational control unit RCU-390
- camera adapter CA-400
- camera control unit MA-200A".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, 4 ta' Ottubru 2004.

Għall-Kunsill

Il-President

A. J. DE GEUS